MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 19/2004

Anthony Attard

Vs

Angelo Theuma,
Lawrence Mizzi.

Il-Qorti,

PRELIMINARI

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi:

Illi fis-sebgħa u għoxrin (27) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) l-attur ġie aggredit miż-żewġ konvenuti f’inċident li seħħ fil-port ta’ l-Imgarr, limiti ta’ Għajnsielem, Għawdex;

Illi per konsegwenza ta’ din ix-xebgħa l-attur sofra għadd ta’ ġrieħi, uħud minn ta’ natura permanenti, fosthom fil-minkebn ta’ idu x-xellugija, u ġrieħi oħra f’wiccu u f’irkobbtejh, kif jiġi dettaljatament ippruvat waqt is-smiegħ ta’ dina l-kawża;

Illi minħabba l-inċident hawn fuq imsemmi u minħabba l-istess ġrieħi, l-attur sofra danni konsistenti f’danni emerġenti u lukri ċessanti;

Illi l-attur irid li dawn id-danni jiġu likwidati iżda meta talab lil konvenuti sabiex jersqu għal tali likwidazzjoni, dawn baqgħu inadempjenti.

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ta’ l-inċident tas-sebgħa u għoxrin (27) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) li fih safa aggredit l-attur kif hawn fuq spjegat;

2. Tillikwida, jekk hemm bżonn permezz ta’ esperti nominandi, dawk id-danni sofferti mill-attur kawża ta’ dan l-inċident;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex iħallsu dawk id-danni kif hekk likwidati lill-attur.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċjali mingħuta lill-konvenuti fi Frar tas-sena elfejn u erbgħa (2004) u bl-imgħaxijiet skond il-Liġi.

Intom konvenuti tinsabu inġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur debitament maħlufa minnu.

Rat in-Nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepew illi:

1. Illi l-eċċipjentiqed jikkontestaw it-talbiet attriċi mertu ta’ din il-kawża billi (i) l-inċident imsemmi mill-

attur ġie pprovokat unikament mill-attur innifsu li aggredixxa lill-konvenut Angelo Theuma; (ii) billi l-konvenut Lawrence Mizzi b'ebda mod ma pparteċipa fil-ġlied u ndaħal biss sabiex jikkalma lill-partijiet.

2. Illi mingħajr preġudizzju l-eċċipjenti jikkontestaw li l-attur sofra xi danni kif qed jiġi minnu allegat.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti maħlufa minn Lawrence Mizzi.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Gunju 2005 fejn innominat lill-kirurgu Mr. Charles Grixti bħala espert mediku sabiex jeżamina lill-attur u jirrelata dwar l-istat ta' saħħa fiżika tiegħu.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert mediku ppreżentata fil-25 ta' Novembru 2005 u maħlufa minnu fl-24 ta' Marzu 2006.

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti u affidavits esebiti, kif ukoll il-provi miġbura fl-atti tal-kumpilazzjoni "Pulizija vs Angel Teuma et." (Nru. 61/2002), allegati bis-saħħa tad-digriet tagħha ta' l-20 ta' Diċembru 2004.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-attur in segwitu għal inċident illi nqala' fil-*yacht marina* ta' l-Imgarr, Għawdex, bejn attur u l-konvenuti u li fih l-attur safa' mweġġa' meta spiċċa b'minkbu żlugat, wara li tlewmu u spiċċaw fl-idejn. Il-konvenuti jikkontestaw kemm ir-responsabilita' - għax isostu illi kien l-attur stess li aggredixxa lill-konvenut Theuma u l-konvenut l-ieħor indaħal biss biex jifridhom - kif ukoll l-allegazzjoni li l-attur sofra xi danni.

FATTI

L-inċident mertu ta' din il-kawża nqala' fis-27 ta' Lulju 2002 għall-ħabta tas-6.30 a.m., waqt li l-attur kien fuq il-*pontoon* li jiġi l-eqreb wieħed mill-*breakwater* tan-naħa taz-Zewwieqa, fil-port ta' l-Imgarr, fejn kellu irmiġġjata d-dgħajsa tiegħu, jixrob il-kafe'. Dak il-ħin tfaċċew żewġ *beachcleaners*, il-konvenut Angelo Theuma u Anthony Xuereb u dan ta' l-aħħar, billi kien jaf lill-attur, talbu jiftħilhom ix-xatba li biha kien magħluq l-aċċess għal dak il-*pontoon,* biex ikunu jistgħu jidħlu ħa jnaddfu dawk l-inħawi. Sadanittant il-konvenut l-ieħor, Lawrence Mizzi, *supervisor* magħhom, mar sa l-uffiċċju tal-Malta Maritime Authority fl-istess inħawi biex jipprova jakkwista ċ-ċavetta għal dik ix-xatba. Hekk kif l-attur mar jiftħilhom beda jirrimarka kemm il-post kien ilu ma jindaf. Martu minn fuq id-dgħajsa wkoll bdiet tgħaddi kummenti ndirizzati lejn il-*beachcleaners* u s-*supervisor* tagħhom, li sakemm kien qed isir it-tindif minn sħabu, waqaf jitkellem ma' ċertu Carmel Vella li nzerta wkoll fuq dak l-istess *pontoon* ħdejn id-dgħajsa tiegħu. Ġew skambjati diversi battibekki bejn il-kontendenti, u hekk kif il-*beachcleaners* lestew ix-xogħol tagħhom u niżlu minn fuq il-*pontoon*, sar xi diskors ieħor mill-attur fil-konfront tal-konvenut Angelo Theuma, li dan ħa bħala sfida għall-ġlied. Huwa u l-attur ġrew għal fuq xulxin u spiċċaw ġew fl-idejn u waqgħu fl-art jitqabdu fuq il-bankina ta' quddiem il-*pontoon*. Il-konvenut l-ieħor Mizzi sejjaħ lil Anthony Xuereb biex imorru jifirduhom, u hekk għamlu. Imma l-attur spiċċa b'minkbu x-xellugija żlugata,[1] u issa qed jallega illi dan seħħ għax ġibidielu l-konvenut Mizzi, waqt li kienu qed jitqabdu ma' xulxin.

RESPONSABILITA'

Il-Qorti taqbel mal-konvenut li kien l-attur innifsu li pprokova dan l-inċident bil-kummenti persistenti u dispreġġevoli tiegħu fil-konfront tal-konvenuti, waqt li dawn kienu qed jipprovaw iwettqu xogħolhom. Madankollu dan ma jiġġustifikax l-azzjoni li biha spiċċaw jaggredixxu lil xulxin fiżikament l-attur u l-konvenut Theuma. Minn dak li

[1] Ara rapport ta' l-espert mediku a fol 57 - 59 tal-process .

sostna l-attur stess, Theuma ma jidhirx illi jista' jinstab ħati għall-minkeb żlogat li spiċċa bih l-attur f'dan l-inċident. Fil-kors tas-smiegħ tal-provi l-attur u anke martu li kienet xhud okulari ta' dak li ġara, qalu li kien il-konvenut Mizzi li żlugalu l-minkeb tax-xellug lill-attur, meta ġibdu minn idu. Imma apparti l-fatt illi jirriżulta li Mizzi ma kienx involut fil-ġlieda, imma mar biss biex jifred lill-oħrajn li kienu mqabbdin f'xulxin ma' l-art, hemm dubbju serju kemm dan id-dannu jista' jiġi attribwit għal xi azzjoni da parti ta' l-istess konvenut Mizzi. Dan għaliex mid-depożizzjoni tal-kirurgu Mr. Raymond Aquilina, fuq domanda speċifika tal-legali tal-konvenuti, dan ammetta illi feriti bħal żlugazzjoni tal-minkeb "*generalment …jigru meta persuna jaqa' ħażin fuq id-driegħ u toħroġ minn postha*." [2] Terġa' minn dak li stqarr l-istess attur mal-Pulizija *a tempo vergine,* meta kienet qed tiġi redatta l-okkorrenza relattiva, jirriżulta li huwa allega li l-konvenuti "*tawh bil-ponn u bis-sieq*." [3] Żgur li kieku xi ħadd tassew ġibidlu idu tant bis-saħħa li żlugahielu ma kienx ser jonqos li jsemmi dan ukoll mal-Pulizija.

Minn naħa l-oħra lanqas ma jista' jingħad fi grad ta' ċertezza meħtieġ f'kawżi ċivili, illi l-konvenut l-ieħor Theuma kien responsabbli għal dan id-dannu. Dan għaliex kif jammettu sew l-attur, kif ukoll l-istess Theuma, huma spiċċaw jissieltu fl-art wara li waqgħu fuq xulxin hekk kif ġew fl-idejn, u ma hemm l-ebda prova konvinċenti min minnhom waqqa' lil min.

F'dawn iċ-ċikorstanzi għalhekk ma tista' ssib l-ebda wieħed mill-konvenuti responsabbli għad-dannu li garrab l-attur b'konsegwenza ta' l-inċident mertu tal-kawża.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---

[2] Ara xhieda tiegħu a fol. 31 tal-proċess /
[3] ara kopja ta' okkorenza a fol. 30 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni annessa ma' din il-kawża

---------------------------------TMIEM---------------------------------